IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2013
COM(2013) 709 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tagħti għajnuna reċiproka lir-Rumanija

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Introduzzjoni

Wara programm konġunt ta' assistenza finanzjarja tal-UE-FMI fuq medda medja ta' żmien għar-Rumanija mir-rebbiegħa tal-2009 sar-rebbiegħa tal-2011, li matulu EUR 5 biljun inħarġu min-naħa Ewropea u EUR 12,9 biljun mill-FMI, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta fit-12 ta' Mejju 2011 deċiżjoni dwar programm prekawzjonarju ta' segwitu, li jagħmel disponibbli assistenza finanzjarja fuq medda medja ta' żmien mill-UE sa EUR 1,4 biljun lir-Rumanija[1]. Fit-tieni programm, li kien ukoll programm konġunt tal-UE u l-FMI, l-ebda fondi ma nħarġu la mill-UE u lanqas mill-FMI f'konformità mal-karattru prekawzjonarju tal-programm.

Fl-4 ta' Lulju 2013, fid-dawl ta' riskji li kien fadal għall-bilanċ tal-pagamenti tagħhom, l-awtoritajiet Rumeni talbu t-tielet programm ta' assistenza finanzjarja tal-UE fuq medda medja ta' żmien, għal darba oħra flimkien ma' Arranġament ta' Riżerva tal-FMI. L-għajnuna tal-UE u tal-FMI hija mistennija li tiġi trattata bħala prekawzjonarja, mingħajr ma fil-fatt huma previsti ħlasijiet. Fid-9 ta' Lulju, il-KEF irrisponda b'mod favorevoli għal din it-talba u awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim dwar programm prekawzjonarju konġunt ġdid tal-UE-FMI.

Bejn is-17 u l-31 ta' Lulju 2013, is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu mal-persunal tal-FMI missjoni ta' negozjati konġunti f'Bukarest. Intlaħaq ftehim fil-livell tal-persunal dwar il-modalitajiet u l-kontenut ta' programm ġdid. Programm ġdid ikompli jipprovdi appoġġ għall-programm ekonomiku tal-gvern bil-mira, fost affarijiet oħra, li jikkonsolida l-istabbiltà makroekonomika, fiskali u finanzjarja, iżid ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomija, isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva, jirriforma l-amministrazzjoni tat-taxxa u jtejjeb il-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzi pubbliċi. Programm ġdid jibqa' għaddej għal 24 xahar u jkun magħmul minn assistenza prekawzjonarja mill-Unjoni Ewropea sa EUR 2 biljun u mill-FMI sa SDR 1,75 biljun (madwar EUR 2 biljun) appoġġat minn arranġament ta' riżerva. Barra minn hekk, il-Bank Dinji se jkompli jipprovdi l-appoġġ imwiegħed aktar kmieni ta' EUR 891 miljun, li minnhom EUR 514 miljun għadhom iridu jitħallsu.

2. L-iżvilupp u l-prospetti makroekonomiċi

Ir-Rumanija rreġistrat tkabbir ekonomiku pożittiv mill-2011. Żviluppi reċenti jissuġġerixxu li t-tkabbir fl-2013 se jkun fil-livell ta' madwar 2%, kemxejn aktar b'saħħtu mill-1,6 % previst fit-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa. Prestazzjoni tajba ħafna fl-esportazzjoni (l-aktar minħabba l-industrija tal-karozzi u s-servizzi) u ħsad tajjeb huma l-muturi prinċipali tat-tkabbir. Dawn it-tendenzi pożittivi, madankollu, jaħbu domanda domestika dgħajfa, bil-konsum jibqa' statiku u l-investiment jonqos fl-ewwel nofs tal-2013.

Għall-quddiem, it-tkabbir huwa mistenni li gradwalment jissaħħaħ hekk kif ir-riformi strutturali jibdew jagħtu r-riżultati, l-assorbiment ta' fondi tal-UE jitjieb, u l-esportazzjonijiet jibqgħu b'saħħithom hekk kif l-ekonomija Ewropea tirkupra. Jekk wieħed jassumi ħsad medju, it-tkabbir huwa pprojettat li jkun kemxejn 'il fuq minn 2% fl-2014. Id-domanda domestika hija mistennija li tkun l-ixprun ewlieni tat-tkabbir, xprunata mill-investiment u l-konsum privat, filwaqt li l-esportazzjonijiet netti huma pprojettati li jagħtu kontribut negattiv żgħir, billi l-importazzjonijiet mistennija jiżdiedu fl-2014 b'riżultat ta' tisħiħ fid-domanda domestika.

L-inflazzjoni, kif imkejla mill-HICP, baqgħet għolja, għal madwar 6%, fir-Rumanija fl-2009-2011, iżda niżlet fl-2012 għal medja ta' 3,4 %. Pressjonijiet 'il fuq tal-prezzijiet, madankollu,

[1] L-ewwel programm kien kopert bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE u t-tieni Programm bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/288/UE.

reġgħu ssaħħu lejn tmiem l-2012 u fl-ewwel nofs tal-2013. L-inflazzjoni mistennija li tonqos matul it-tieni nofs tal-2013 grazzi għal tnaqqis qawwi fil-prezzijiet tal-ikel u treġġigħ lura tal-effetti ta' bażi, u li hija mistennija taqa' taħt it-3,5% sa tmiem l-2013, u b'hekk tkun fil-firxa ta' mira tal-bank ċentrali (2,5% ±1pp). Huwa mistenni li jkun hemm aktar tnaqqis fil-pass fl-2014.

3. Il-finanzi pubbliċi

Ir-Rumanija kkonsolidat b'suċċess il-finanzi pubbliċi tagħha matul dawn l-aħħar snin, u naqqset id-defiċit tal-bażit tagħha minn 9% tal-PDG fl-2009 għal ftit taħt it-3% fl-2012. Dan is-suċċess ippermetta lill-Kunsill, fil-21 ta' Ġunju 2013, sabiex iħassar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tar-Rumanija. Programm ġdid se jappoġġa l-isforzi addizzjonali tal-gvern għall-konsolidazzjoni fiskali li għandhom l-għan li jintlaħaq l-objettiv ta' terminu medju (MTO) tar-Rumanija ta' defiċit strutturali ta' 1% tal-PDG sal-2015. L-awtoritajiet għadhom impenjati favur il-programm preċedenti ta' mira ta' defiċit ta' 2,4 % f'termini tal-ASE għall-2013. Fl-2014, konsolidazzjoni addizzjonali f'konformità mal-ħtiġijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) hija ppjanata. Fuq il-bażi tal-indikazzjonjiet preżenti, ir-Rumanija se timmira għal defiċit ta' 2 % f'termini ASE skont l-aġġornament tal-2013 tal-programm ta' konverġenza tagħha.

Il-missjoni tan-negozjati ta' Lulju qablet dwar ir-rettifika tal-bażit ta' nofs is-sena li tippermetti xi spostamenti fid-dħul u l-infiq filwaqt li żżomm il-mira tad-defiċit ġenerali għall-2013 ta' 2,3% fi flus u 2,4% f'termini tal-ASE. Il-bażit rivedut jaħseb għal tnaqqis fid-dħul u jnaqqas l-investimenti ta' kapital domestiku, inaqqas id-dispożizzjonijiet għall-korrezzjonijiet relatati ma' Fondi tal-UE, u jnaqqas it-trasferimenti lil unitajiet oħrajn tal-amministrazzjoni pubblika. Fir-rigward tal-bażit għall-2014, l-awtoritajiet qegħdin jikkunsidraw modi biex iżidu d-dħul, prinċipalment permezz ta' twessigħ tal-bażi. Fuq in-naħa tal-infiq, sfida waħda importanti hija l-introduzzjoni gradwali tal-Liġi Unifikata dwar il-Pagi miftehma skont l-ewwel programm.

Issa li nkisbet il-parti prinċipali tal-konsolidazzjoni fiskali meħtieġa, l-enfasi ta' programm ġdid se tkun li tittejjeb il-governanza fiskali. Huwa se jkollu l-għan li jaġġorna l-qafas fiskali sabiex dan ikun konformi mar-rekwiżiti tal-Patt Fiskali, flimkien ma' għadd ta' titjib ieħor għall-kontenut tal-Istrateġija Fiskali u għat-trasparenza tal-proċess tal-bażit. Huwa se jesiġi titjib fl-ibbażittjar tal-kapital annwali u fuq terminu medju, l-iffinalizzar tas-sistema ta' kontroll tal-impenji (biex jiġu evitati arretrati ġodda), kif ukoll titjib fl-amministrazzjoni tat-taxxi mmirat lejn ġbir aktar effiċjenti tat-taxxi.

4. L-iżvilupp fis-swieq finanzjarji u s-settur bankarju

Il-kundizzjonijiet fis-suq finanzjarju tjiebu b'mod sostanzjali sa mis-sajf tal-2012 fost titjib fis-sentiment globali tas-suq u wara l-istabbilizzar tas-sitwazzjoni politika domestika lejn tmiem is-sena. Ġeneralment, dan mexa id f'id mal-pajjiżi l-oħra fir-reġjun, u baqa' relattivament favorevoli fl-ewwel nofs tal-2013. Il-firxiet tas-CDS sovrani ta' ħames snin għar-Rumanija niżlu minn kważi 500 punt ta' bażi f'Mejju 2012 għal inqas minn 200 punt ta' bazi fil-bidu ta' Jannar 2013, u baqgħu ftit aktar minn 200 punt ta' bażi sa mit-tmiem ta' Ġunju 2013. Wara telf sostanzjali f'Mejju 2012, l-indiċi tal-borża BET irkuprat sa tmiem l-2012; minn dak iż-żmien 'l hawn hija kienet volatili iżda gwadanjat madwar 10% sal-bidu ta' Settembru 2013.

Minkejja x-xejra ta' żieda fl-assi indeboliti (il-proporzjon tas-self mhux produttiv (NPL) laħaq l-20,3% f'Ġunju 2013), il-kapitalizzazzjoni tas-settur bankarju baqgħet f'livelli rassikuranti (il-proporzjon tal-adegwatezza kapitali kien ta' 14,7 % f'Ġunju). Ir-riskji assoċjati maż-żieda fl-NPLs ittaffew permezz ta' politika prudenti ta' proviżjonament tat-telf mid-djun, għalkemm il-

provvedimenti għadhom qegħdin jagħmlu pressjoni fuq il-profittabilità (ir-rendiment fuq l-ekwità laħaq is-6% fl-ewwel nofs tal-2013 wara tliet snin ta' telf). Il-bank ċentrali qed ikompli jissorvelja mill-qrib il-banek li l-banek azzjonarji tagħhom huma minn pajjiżi periferali taż-żona tal-euro li żammew bafers kapitali suffiċjenti. L-effetti kollaterali mill-kriżi ta' Ċipru ttaffew permezz tal-ftehim għat-trasferiment tal-bażi tad-depożiti lokali tal-fergħa Rumena tal-Bank of Cyprus lil Marfin Bank, sussidjarju tal-Laiki Group, il-proċess ta' diżingranaġġ tal-banek barranin u t-tnaqqis fil-finanzjamet tal-banek azzjonarji (-14,6 % minn Diċembru 2012., għalkemm f'konformità mal-iżviluppi reġjonali u fil-biċċa l-kbira mwettqa b'mod ordnat, ikomplu jeħtieġu attenzjoni mill-qrib mis-superviżur.

5. Bilanċ tal-pagamenti u ħtiġijiet ta' finanzjament estern

Ir-Rumanija hija mistennija li żżomm aċċess sħiħ għas-swieq tad-dejn sovran fuq il-perjodu tal-ipprogrammar previst (24 xahar) sakemm ma jseħħux żviluppi esterni negattivi. Il-firxiet tas-CDS laħqu l-aktar livelli baxxi tagħhom mill-2010. L-iżbilanċ fil-kont kurrenti huwa mistenni li jonqos minn madwar 4% tal-PDG fl-2012 għal madwar 2% fl-2013, prinċipalment grazzi għal tnaqqis fid-defiċit kummerċjali.

Fix-xenarju bażi l-ebda nuqqas ta' finanzjament sovran jew estern ma għandu jimmaterjalizza fis-sentejn li ġejjin. Madankollu, ir-Rumanija għadha vulnerabbli għal volatilità fir-rata tal-kambju u movimenti volatili tal-kapital internazzjonali. F'każ li x-xenarju jkun wieħed negattiv, il-finanzjament tal-kont kurrenti jista' jsir diffiċli u l-aċċess sovran għas-suq jista' jixxekkel. Fil-każ tal-aħħar, l-ewwel linja ta' difiża tkun il-bafer ta' flus tat-Teżor (ħtiġijiet ta' finanzjament ta' madwar sitt xhur) u sa ċertu punt ir-riżervi internazzjonali tal-BNR. Jekk ir-Rumanija tesperjenza diffikultajiet ta' finanzjament kbar u fit-tul, il-programm prekawzjonarju jista' jiġi attivat u l-fondi disponibbli (EUR 2 biljun mill-UE li jitħallsu f'żewġ pagamenti ta' EUR 1 biljun u sa EUR 2 bn mill-Arranġament ta' Riżerva tal-FMI) jippermettu li jiġu koperti l-impenji finanzjarji u baġitarji sovrani. Programm ġdid għandu wkoll iserraħ ras is-swieq finanzjarji li r-Rumanija hija impenjata li twettaq aġenda ambizzjuża ta' riforma ekonomika.

6. L-appoġġ tal-UE taħt il-faċilità tal-bilanċ tal-pagamenti huwa parti minn sforz internazzjonali

Fid-dawl tal-vulnerabbiltajiet u r-riskji li baqa' għall-bilanċ tal-pagamenti tagħha u kundizzjonali fuq l-impenn tal-awtoritajiet Rumeni li jimplimentaw programm ta' aġġustament fiskali, finanzjarju u strutturali, il-Kummissjoni, wara li kkonsultat lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) fit-3 ta' Ottubru 2013, tirrakkomanda lill-Kunsill sabiex jadotta Deċiżjoni sabiex tingħata għajnuna reċiproka addizzjonali lir-Rumanija kif previst mill-Artikolu 143 tat-Trattat (TFUE). Il-gvern Rumen għandu jimplimenta l-programm ekonomiku tiegħu sabiex jindirizza d-dgħufijiet li għad fadal, biex inaqqas it-theddid li fadal għas-sostenibbiltà tal-bilanċ tal-pagamenti tiegħu u għandu jiżviluppa l-kapaċità neċessarja biex ifassal u jimplimenta politiki ekonomiċi mingħajr appoġġ internazzjonali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni, wara li kkonsultat il-KEF, tipproponi li l-Kunsill jadotta Deċiżjoni li tipprovdi għajnuna finanzjarja prekawzjonarja tal-UE fuq medda medja ta' żmien sa EUR 2 biljun lir-Rumanija sabiex tappoġġa s-sostenibbiltà tal-bilanċ tal-pagamenti tar-Rumanija. L-attivazzjoni tal-għajnuna finanzjarja prekawzjonarja u l-ħlasijiet mill-Unjoni tista' tintalab sat-30 ta' Settembru 2015.

7. Il-kontenut prinċipali ta' programm ġdid

L-għajnuna finanzjarja prekawzjonarja l-ġdida tipprovdi appoġġ għall-programm ekonomiku tal-gvern bil-mira, fost affarijiet oħra, li tikkonsolida l-istabbiltà makroekonomika, fiskali u finanzjarja, iżżid ir-reżiljenza u l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija, issaħħaħ il-kapaċità

amministrattiva, tirriforma l-amministrazzjoni tat-taxxa u ttejjeb il-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzi pubbliċi. Il-kundizzjonalità speċifika tal-politika ekonomika se tiġi stipulata f'Memorandum ta' Qbil (MtQ) li għandu jiġi konkluż mill-Kummissjoni mal-awtoritajiet Rumeni. Se jiġu ppreservati l-kisbiet taż-żewġ programmi preċedenti u se jkun hemm riport tal-kundizzjonijiet li għadhom ma twettqux mit-tieni programm.

A: Konsolidazzjoni fiskali

Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tagħha, ir-Rumanija hija mistennija li tnaqqas il-bilanċ tal-baġit strutturali tagħha skont ir-rekwiżiti tal-PST sakemm tilħaq il-mira fuq terminu medju ta' defiċit strutturali tal-amministrazzjoni pubblika ta' 1% tal-PDG sal-2015, u żżommu f'dan il-livell. Barra minn hekk, il-programm se jkompli bl-isforzi tiegħu biex jipprevjeni l-akkumulazzjoni ta' arretrati tal-gvern, kemm fil-livell tal-gvern ċentrali kif ukoll f'dak tal-gvern lokali. Il-kont tal-pagi tas-settur pubbliku se jkun jeħtieġ li jibqa' fuq bażi sostenibbli, u jiġu limitat t-tkabbir tal-pagi kif ukoll il-livelli tal-impjieg fis-settur pubbliku.

B: Governanza fiskali u riforma fiskali strutturali

Sabiex isaħħaħ il-konsolidazzjoni fiskali, il-programm se jinvolvi t-tisħiħ ulterjuri tal-qafas tal-governanza fiskali. L-implimentazzjoni tal-Patt Fiskali hija kruċjali f'dan ir-rigward, u t-titjib fl-ippjanar baġitarju pluriennali se jiżgura politika fiskali aktar sostenibbli.

Il-gvern se jiġi appoġġat mill-assistenza teknika qawwija pprovduta mill-FMI u l-Bank Dinji fil-qasam tal-immaniġġar u l-kontroll tal-finanzi pubbliċi. L-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll tal-impenji, li se tiġi varata f'diversi stadji, se tgħin biex jiġi żgurat it-tnaqqis u kontroll tal-arretrati. Fis-settur tas-saħħa, il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-baġit se jissaħħu permezz ta' oqfsa mtejba ta' rrapportar u monitoraġġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-isptarijiet u l-infiq fil-farmaċewtiċi sabiex tiġi evitata l-akkumulazzjoni mill-ġdid ta' arretrati ta' pagament. Il-prijoritizzazzjoni ta' investimenti pubbliċi se tissaħħaħ, biex jittejjeb il-potenzjal tat-tkabbir tal-pajjiż.

C: Ġestjoni tad-dejn pubbliku

L-awtoritajiet se jieħdu l-passi meħtieġa biex itejbu l-immaniġġar tad-dejn pubbliku bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż u r-riskji tal-finanzjament u tiġi miżjuda l-maturità medja tad-dejn pubbliku.

D: Regolamentazzjoni u superviżjoni tas-settur finanzjarju

Fis-settur finanzjarju, l-awtoritajiet se jkomplu jtejbu l-qafas tar-riżoluzzjoni bankarja u l-leġiżlazzjoni dwar il-Fond ta' Garanzija tad-Depożiti billi jemendaw GO 39/1996 u GEO 99/2006. Biex iħaffef il-proċess ta' tindif tal-karti tal-bilanċ, il-Bank Nazzjonali tar-Rumanija (NBR) iċċara d-dispożizzjonijiet applikabbli għat-tħassir mill-kontijiet ta' self mal-Assoċjazzjoni Bankarja Rumena u se jipproduċi analiżi komprensiva tal-kwalità tal-assi fis-settur bankarju. Sabiex jiżviluppaw aktar is-suq tal-kapital u jiddiversifikaw l-għejun tal-finanzjament għall-banek, l-awtoritajiet se jemendaw il-leġiżlazzjoni dwar il-bonds koperti. Il-preservazzjoni tad-dixxiplina fil-kreditu u l-evitar tal-periklu morali fost id-debituri jikkontribwixxu b'mod sinifikanti sabiex tiżdied l-istabilità finanzjarja. Għalhekk, il-gvern se jkompli joqgħod lura milli jadotta inizjattivi leġiżlattivi (bħal-liġi dwar l-insolvenza personali) u jippromwovi dispożizzjonijiet fil-liġi dwar il-ġbir tad-djun, li jimminaw id-dixxiplina tal-kreditu. L-awtoritajiet se jikkonsultaw b'mod estensiv mal-partijiet interessati rilevanti kollha, b'kunsiderazzjoni wkoll għall-valutazzjoni tal-impatt iffinalizzata mill-NBR, dwar id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar klawsoli abbużivi fil-liġi għall-applikazzjoni tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, se jiżguraw li l-każijiet tal-qorti li jinvolvu klawsoli abbużivi jiġu ttrattati minn qrati superjuri jew minn qorti speċjalizzati waħda, u se jieħdu l-miżuri l-oħra kollha meħtieġa biex tkun żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Biex isaħħu s-superviżjoni ta' istituzzjoniijet tas-suq finanzjarju li mhumiex banek u javvanzaw il-protezzjoni tal-konsumatur, l-awtoritajiet se jiżguraw li l-leġiżlazzjoni dwar ir-regolatur finanzjarju non-bankarju integrat, l-Awtorità tas-Sorveljanza Finanzjarja (FSA), tiġi emendata biex tkun konformi ma' prattiki tajba internazzjonali.

E: Riformi strutturali

Ir-riformi strutturali għandhom l-għan li jtejbu t-tħaddim tas-suq, li jżidu r-reżistenza għal xokkijiet esterni u li jsaħħu l-potenzjal tat-tkabbir tar-Rumanija fuq medda ta' żmien twil. L-aġenda ta' riforma strutturali ta' dan il-programm hija parti mill-aġenda usa' stabbilita fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma tar-Rumanija u koperta fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lir-Rumanija fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Ir-ristrutturar tal-impriżi statali (SOEs), inkluża l-privatizzazzjoni, se jiġi intensifikat sabiex jitnaqqsu r-riskji għall-baġit tal-amministrazzjoni pubblika minn arretrati akkumulati u telf operazzjonali, filwaqt li jżid il-vijabbiltà finanzjarja ta' bosta mill-operazzjonijiet ta' dawn il-kumpaniji. L-awtoritajiet se jieħdu miżuri sabiex isaħħu l-governanza korporattiva tal-Intrapriżi tal-Istat, inkluż fis-settur finanzjarju.

Fis-settur tal-enerġija, miżuri pendenti miftiehma taħt iż-żewġ programmi preċedenti se jiġu implimentati, fosthom l-implimentazzjoni tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-gass u tal-elettriku.

It-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament ta' intraprizi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huwa pilastru importanti ieħor tal-aġenda ta' riforma strutturali tal-programm. Il-programm għandu l-għan li jnaqqas il-piż amministrattiv għall-SMEs, jiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-kapital mill-banek u l-ekwità, inaqqas l-inċertezza legali billi jtejjeb ir-reġistrazzjoni tal-art u tal-proprjetà u jappoġġa l-SMEs meta jmorru barra mill-pajjiż. Barra minn hekk, il-programm jappoġġa r-riforma tal-qafas tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari fir-rigward ta' privattivi, bil-ħsieb li jiġi attirat investiment dirett barrani f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni.

Fil-qasam tas-swieq tax-xogħol, il-programm isostni t-tlestija tar-riforma tal-pensjonijiet tal-2010 billi jġib l-età pensjonabbli indaqs għall-irġiel u n-nisa.

Minbarra dawn l-oqsma wiesgħa ta' miżuri msemmija hawn fuq maħsuba biex itejbu l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika f'oqsma kritiċi għall-implimentazzjoni tal-programm, l-awtoritajiet Rumeni se jkunu mistiedna jirrapportaw kull sitt xhur lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF)/Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE) dwar il-progress li jkun sar f'dan il-qasam.

F: Politika Monetarja

Il-politika monetarja se tibqa' orjentata lejn l-istabilità tal-prezzijiet bil-għan li l-inflazzjoni tibqa' fi ħdan il-faxxa tal-inflazzjoni fil-mira tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija (2,5% ± 1 punt perċentwali).

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tagħti għajnuna reċiproka lir-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Ir-Rumanija implimentat programm ta' riforma sostanzjali sa mill-2009. Taħt żewġ programmi ta' Bilanċ tal-Pagamenti (BOP), ir-Rumanija fil-biċċa l-kbira kkoreġiet l-iżbilanċi makroekonomiċi esterni tagħha u l-proċedura tad-defiċit eċċessiv ġiet abrogata mill-Kunsill fil-21 ta' Ġunju 2013. Il-konsolidazzjoni fiskali għandha titkompla f'konformità mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir bil-għan li jintlaħaq l-objettiv ta' terminu medju (OTM) fl-2015. Il-Gvern kiseb aċċess sħiħ għal finanzjament ibbażat fuq is-suq u r-rata tal-kambju kienet ġeneralment stabbli minn nofs l-2009.

(2) L-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja għandha tiġi kkonsolidata billi jiġu segwiti politiki prudenti. Riformi strutturali li nbdew taħt il-programmi preċedenti għandhom jitkomplew u, fejn xieraq, jiġu rinfurzati biex jitnaqqsu l-vulnerabilitajiet u tissaħħaħ il-bażi għal tkabbir futur u biex jingħalaq id-distakk ma' pajjiżi oħra.

(3) Il-Kunsill se jeżamina fuq bażi regolari l-politiki ekonomiċi implimentati mir-Rumanija, b'mod partikolari fil-kuntest tal-eżamijiet annwali tal-aġġornament tar-Rumanija tal-programm ta' konverġenza u l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali ta' riforma kif ukoll l-eżami regolari tal-progress magħmul mir-Rumanija fil-kuntest tar-rapport ta' konverġenza.

(4) Filwaqt li fix-xenarju bażi tal-programm ekonomiku, il-ħtiġijiet totali grossi ta' finanzjament sa tmiem l-2015 ġew koperti totalment, u l-gvern qed ikompli jkollu aċċess għal finanzjar ibbażat fuq is-suq, ir-riskji li jirrigwardaw ix-xenarju bażi jappoġġjaw it-talba tar-Rumanija għal għajnuna finanzjarja ta' natura prekawzjonarja b'segwitu tal-għajnuna mogħtija skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/458/KE[2] u 2011/289/UE[3].

(5) L-awtoritajiet Rumeni talbu għajnuna finanzjarja mill-Unjoni u minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra biex jappoġġjaw is-sostenibbiltà tal-bilanċ tal-pagamenti u biex jiżguraw li r-riżervi tal-valuti internazzjonali jinżammu f'livell prudenti anki fil-każ ta' żviluppi ekonomiċi avversi.

(6) Minkejja titjib fil-kont kurrenti tagħha, ir-Rumanija għadha vulnerabbli għal volatilità fir-rata tal-kambju u movimenti volatili tal-kapital internazzjonali. F'każ li x-xenarju

[2] ĠU L 150, 13,6.2009, p. 6.
[3] ĠU L 132, 12,5.2011, p. 28.

jkun wieħed negattiv, ikkaratterizzat minn tnaqqis tal-likwidità abbundanti attwali, jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn l-ispejjeż tal-finanzjament għar-Rumanija jiżdiedu u possibbilment dan jista' jseħħ f'daqqa. Barra minn hekk, żviluppi avversi fiż-żona tal-euro jistgħu jikkawżaw pressjonijiet imġedda fuq is-settur bankarju. Il-vulnerabbiltajiet li baqa' jiġġustifikaw l-għoti ta' għajnuna reċiproka mill-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Waħdieni

L-Unjoni se tagħti għajnuna reċiproka lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI TAL-IMPATT TAL-BAĠIT

(cf. l-Artikolu 16 tar-Regoli Interni)

QASAM TA' POLITIKA: TITLU 01 – AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI
ATTIVITÀ: OPERAZZJONIJIET U STRUMENTI FINANZJARJI

1. ISEM TAL-PROPOSTA: LINJA TAL-BAĠIT KONĊERNATA U T-TITOLU

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-UE fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija flimkien mar-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill għall-għoti ta' assistenza reċiproka lir-Rumanija

01 04 01 01 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self mill-UE miġbur għal appoġġ tal-bilanċ tal-pagamenti.

2. BAŻI LEGALI:

L-Artikolu 143 tat-TFUE, ir-Regolament tal-Kunsill Nru 332/2002.

3. ĊIFRI GLOBALI GĦAS-SENA FINANZJARJA (F'EURO)

Din il-partita tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni Ewropea. Hija se tippermetti lill-Kummissjoni li tħallas id-dejn (prinċipal, imgħax u spejjeż oħra) f'każ ta' inadempjenza mid-debitur (ir-Rumanija).

L-entrata baġitarja ("p.m.") li tirrifletti l-garanzija tal-baġit tiġi attivata biss fil-każ ta' sejħa effettiva fuq il-garanzija. Huwa mistenni li normalment ma tiġix imsejħa l-garanzija tal-baġit.

3a – Sena kurrenti

Mhux applikabbli

		AI
Approprjazzjoni inizjali għas-sena finanzjarja (baġit)		
Trasferimenti		
Approprjazzjoni addizzjonali		
Approprjazzjoni totali		
Approprjazzjonijiet diġà mwarrba minn programm ieħor ta' ħidma		
Bilanċ disponibbli		

Ammont għall-azzjoni proposta		

3b – Riporti

Mhux applikabbli

		AI
Riporti		
Approprjazzjonijiet diġà mwarrba minn programm ieħor ta' ħidma		
Bilanċ disponibbli		
Ammont għall-azzjoni proposta		

3c – Is-sena finanzjarja li jmiss

Mhux applikabbli

		AI
Approprjazzjoni inizjali għas-sena finanzjarja (baġit)		p.m.
Trasferimenti		
Approprjazzjoni addizzjonali		
Approprjazzjoni totali		
Approprjazzjonijiet diġà mwarrba minn programm ieħor ta' ħidma		
Bilanċ disponibbli		
Ammont għall-azzjoni proposta		p.m.

4. DESKRIZZJONI TAL-AZZJONI

L-għajnuna finanzjarja prekawzjonarja proposta fuq medda medja ta' żmien mill-UE lir-Rumanija, jekk tiġi attivata, tikkonsisti minn self tal-UE (li għandu jiġi ffinanzjat b'self mill-UE fis-swieq kapitali internazzjonali jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji) f'ammont ta' mhux aktar minn EUR 2 biljun. Hija se tiġi pprovduta fil-kuntest ta' pakkett ta' finanzjament internazzjonali, u b'mod partikolari b'self mill-IMF ta' SDR 1,75 biljun (madwar EUR 2 biljun) appoġġat minn arranġament ta' riżerva. Il-Bank Dinji għamel disponibbli EUR 1 biljun taħt Self għall-Politika tal-Iżvilupp (DPL) b'għażla ta' ġbid differit (DDO). Barra minn hekk, il-Bank Dinji se jkompli jipprovdi l-appoġġ imwiegħed aktar kmieni ta' EUR 891 miljun, li minnhom EUR 514 miljun għadhom iridu jitħallsu. L-għajnuna finanzjarja prekawzjonarja fuq medda medja ta' żmien tal-UE lir-Rumanija hija maħsuba sabiex tindirizza r-riskji li fadal madwar is-sostenibbiltà tal-bilanċ tal-pagamenti tar-Rumanija; ukoll jekk huwa

ċar li d-defiċit tal-kont kurrenti issa naqas, il-volatilità tal-flussi tal-kapital timplika riskji għall-finanzjament tiegħu. L-għajnuna prekawzjonarja tkompli tipprovdi wkoll appoġġ lill-programm ekonomiku tal-gvern li għandu l-għan, fost affarijiet oħra, li jikkonsolida l-istabbiltà makroekonomika, fiskali u finanzjarja, li jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva, jirriforma l-amministrazzjoni tat-taxxa, itejjeb il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarji pubbliċi, u jżid il-flessibilità u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomija Rumena. Fl-aħħar nett, l-għajnuna mmaniġġjata mill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, hija mod kif jiġu inkoraġġiti l-politiki ekonomiki fir-Rumanija li jkunu konsistenti mal-impenji tal-Pajjiż fil-kuntest tal-UE u r-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma kif ukoll tal-Programm ta' Konverġenza.

Il-fondi tal-UE mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji sabiex isir is-self lir-Rumanija, f'każ ta' talba mir-Rumanija u evalwazzjoni pożittiva ta' tali talba mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta lill-KEF, huma koperti bil-garanzija tal-UE. Is-self jinġabar mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont tal-prinċipal, tas-self li jista' jingħata lir-Rumanija, jammonta sa EUR 2 biljun.

L-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-UE se tippermetti lill-Kummissjoni li tonora l-obbligi marbuta mad-dejn f'każ ta' inadempjenza mir-Rumanija.

Sabiex tonora l-obbligi tagħha, il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi fi flus tagħha biex tonora l-obbligi marbuta mad-dejn b'mod provviżorju. F'dan il-każ, japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

5. METODU TA' KALKOLU ADOTTAT

Mhux applikabbli.

6. SKEDA TAL-PAGAMENTI (F'EURO)

Mhux applikabbli.

Intestatura	**Approprjazzjonijiet**		**Pagamenti**				
			Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Snin finanzjarji suċċessivi
	Sena n						
	Sena n+1						
	Sena n						
	Sena n+1						
	Total						